**3 ta' Novembru, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A. Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Reno Dingli

*versus*

Edgar Tabone

**Kuntratt — Nullità ta' — "Causa" — Kawża — Nuqqas ta' — Fidejussjoni — Garanzija.**

*Il-causa f'kuntratt f'liema persuna tidħol garanti ta' ħaddieħor hija ġeneralment l-ispirtu ta' liberalità, u tali liberalità hija suffiċjenti bħala causa biex l-obbligazzjoni kontrattata titqies valida.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur, wara li ppremetta li bi skrittura tal-erba' (4) ta' Frar, 1964, il-konvenut ikkostitwixxa ruħu garanti ta' Sammy Barbara a favur tal-attur fis-somma ta' tliet mija u ħamsin lira (£350) li l-imsemmi Barbara kellu jagħtih għall-prezz ta' merkanzija lilu mibjugħa, u obbliga ruħu li jirrestitwixxi jew iħallas l-imsemmi ammont b'rati mensili ta' £15-il waħda, u l-ewwel pagament kellu jsir fl-4 ta' April, 1964, u ġiet stipulata d-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu fil-każ li l-konvenut jonqos li jħallas żewġ rati mensili wara xulxin, jew jibqa' lura fil-pagament ta'

ammont ekwivalenti (Dok. A anness maċ-ċitazzjoni) u li l-garanzija tal-konvenut hi, skond il-liġi kummerċjali, solidali; u li l-konvenut naqas li jħallas iż-żewġ rati mensili ta' £15-il waħda li skadew fl-4 ta' April, u fl-4 ta' Mejju, 1964 rispettivament, u b'hekk iddekada mill-benefiċċju tat-terminu; talab li — *premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji* u mogħtija *l-provvedimenti opportuni* — *u għar-raġunijiet fuq imsemmija* (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu *lilu* mogħti peress li naqas li iħallas żewġ rati konsekuttivi li skadew fl-4 ta' April u 4 ta' Mejju, 1964, u (2) il-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' tlett mija u ħamsin lira (£350); oltre l-imgħaxijiet kummerċjali minn notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju, 1964. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju, 1964;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li l-kunsens tiegħu ġie mogħti mħabba għemil doluż da parti tal-attur u għalhekk l-obbligazzjoni hija nulla; qal ukoll li l-garanzija magħmula minnu tirrigwarda prezz ta' merkanzija mibjugħa lil Sammy Barbara, debitur prinċipali, mentri l-garanzija ma kienitx tirrigwarda prezz ta' oġġetti; di più fl-iskrittura hemm stipulat li kellha ssir il-verifika tal-kreditu, li ma tirriżultax li saret; żied jgħid li l-obbligazzjoni assunta minnu m'għandha ebda effett ġuridiku mħabba nuqqas ta' kawża, element rikjest fil-kuntratti;

Rat l-atti li għalihom saret *riferenza*, u ċioè l-mandat ta' arrest personali "Dingli vs. Barbara" tal-1 ta' Frar, 1964, il-kawżi ""Dingli vs. Barbara" waħda deċiża fis-7 ta' Mejju, 1963 u l-oħra ċeduta fit-28 ta' Frar, 1964, u l-oħra "Tabone vs. Dingli" deċiża fil-15 ta' Diċembru, 1966;

Rat is-sentenza ta' l-ewwel *Qorti* tas-27 ta' Ġunju, 1967 li biha ddikjarat li m'hemmx iżjed lok għad-dikjarazzjoni mitluba tad-dekadenza tal-konvenut, u, riġettati l-eċċezzjonijiet ta'

dan, laqgħet it-talba attriċi, l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut, wara li kkunsidrat:—

*Omissis.*

Rat *in-nota* ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza appellata tiġi riformata, billi jiġi revokat il-kap li bih ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni sollevata mill-konvenut imħabba l-verifika tal-kreditu, li qatt ma saret, billi *invece* dik l-eċċezzjoni *tal-kompensazzjoni* tiġi akkolta għall-ammont tal-kreditu dovut lid-debitur prinċipali Sammy Barbara ammontanti għal mija tmienja u għoxrin lira (£128) jew ammont verjuri fil-kwantità entranti, u billi jiġi revokat il-kap tad-deċiżjoni appellata li bih laqgħet it-talba attriċi għall-ammont ta' tliet mija u ħamsin lira (£350) bl-imgħax kummerċjali billi minflok jiġi deċiż, illi jekk l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut għandha bħala kawża tagħha s-sospensjoni tal-mandat tal-arrest, dan l-ammont għandu jiġi ridott għas-somma ta' mija tmienja u għoxrin lira żewġ xelini u żewġ soldi (£128.2.2.) l-ammont indikat fil-mandat tal-arrest, rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa lil Sammy Barbara, inklużi li spejjeż ġudizzjarji, u li dan l-ammont tal-aħħar ċioè £128.2.2. jinsab kompensat fl-entranti kwantità mal-kreditu dovut mill-attur lil Sammy Barbara ammontanti għal mija tmienja u għoxrin lira (£128) u illi għalhekk it-talba tal-attur tiġi miċħuda għal kollox u billi jiġi revokat il-kap tal-ispejjeż li għandhom jiġu deċiżi tant dawk tal-ewwel kemm dawk tat-tieni istanzi kontra l-atturi.

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma, bl-ispejjeż.

Omissis.

Fit-tieni *lok* l-appellant issottometta fil-petizzjoni ta' l-

appell illi l-obbligazzjoni assunta minnu fl-iskrittura tal-garanzija hija mingħajr kawża skond l-artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili; u jekk stess kien hemm kawża għal validità ta' l-iskrittura skond l-artikolu 1031, allura l-kawża immedjata u diretta tal-garanzija assunta minnu kienet li tiġi evitata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest kontra Sammy Barbara u dan kellu jkun għall-ammont indikat fl-istess mandat.

Anqas dan l-ilment mhu, fil-fehma tal-Qorti, fondat. Kif ġie rilevat fl-Appell Ċivili, fl-ismijiet "Francis Cassar vs Spiridione Mizzi noe. et. deċiża fil-21 ta' Lulju, 1965, fuq in-nozzjoni ta' "causa" tal-kuntratti teżisti, kif jirrikonoxxu l-awturi, oskurità kbira u dana, l-aktar, minħabba l-fatt illi l-espressjoni "causa" hi suscettiva ta' diversi sinjifikati. F'dan il-każ, il-Qorti, mingħajr ma daħlet f'dettalji u sottiljezzi dottrinali li ma kienux neċessarji, aċċettat bħala suffiċjentement eżatta d-definizzjoni ta' "causa" mogħtija minn Baudry Lancantinerie fissens illi "causa" hi "lo scopo immediato e quindi essenziale in vista del quale si contratta. Essa è la ragione d'essere dell'obbligazione, il suo perchè."

Issa, fil-każ preżenti, l-appellant indaħal bħala garanti ta' Sammy Barbara, għalkemm dan ma jissemmiex fl-iskrittura relativa, biex illibera lill-istess Barbara mill-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest li l-appellat kien ottjena kontra tiegħu. Milli jidher l-appellant għamel dan sempliċement biex jaqdi u jagħmel favur lill-istess Barbara, ċioè bi spirtu ta' liberalità: firrigward tal-istess debitur mela l-obbligazzjoni assunta mill-appellant kienet gratwita, kif aktarx ġeneralment hi l-fidejussjoni. Dan l-ispirtu ta' benefiċenza lejn id-debitur prinċipali kien "causa" valida u suffiċjenti ta' l-obbligazzjoni assunta mill-appellant. Min-naħa l-oħra permezz ta' l-għoti tal-garanzija l-appellant ottjena minn għand l-appellat ir-rinunzja għallprosegwiment ta' l-arrest personali tad-debitur prinċipali.

Minn dana jidher ċar illi s-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-obbligazzjoni tal-garanzija assunta *minnu* kienet mingħajr "causa", u kwindi nvalida, hi nieqsa minn kull fondament.

Għalkemm l-okkażjoni ta' l-għoti tal-garanzija kienet l-esekuzzjoni tal-mandat ta' l-arrest hawn fuq imsemmi, b'dana kollu, kif ġa ntqal, dak il-mandat u l-ammont tal-kreditu li għalih kif inħareġ ma ssemmewx fl-iskrittura. Evidentement, meta l-appellant offra, jew insomma aċċetta, li jindaħal bħala garanti, l-appellat aktarx approfitta ruħu mill-okkażjoni biex jottjeni garanzija minn għandu għall-ammont kollu tal-kreditu li hu, dak il-mument, kellu kontra Sammy Barbara u mhux biss, limitatament għall-ammont li għalih kien qed jiġi eżegwit l-arrest. Jista' jkun illi xi wħud minn dawk li kienu preżenti waqt ir-redazzjoni u l-firma ta' l-iskrittura kienu l-impressjoni illi l-garanzija kienet ser issir għall-ammont l-aħħar imsemmi hawn qabel. Iżda sta di fatto illi fl-iskrittura stess jniżżel l-ammont akbar u din ġiet moqrija lill-partijiet u l-appellant aċċettaha u iffirmaha u l-impunjazzjoni li hu intenta kontra tagħha minħabba 'vizzju tal-kunsens', ċioè għax kif qal hu, l-adesjoni tiegħu kienet ġiet mogħtija bi żball jew konpita bl-ingann mill-appellat, ġiet riġettata b'sentenza ta' l-ewwel Qorti li minnha l-appellant ma appellax u għalhekk, tifforma ġudikat kontra tiegħu. Minn dan isegwi illi l-pretensjoni tiegħu illi l-garanzija għandha, se mai, tiġi ridotta għall-ammont li għalih kien sar il-mandat ta' l-arrest, biż-żieda biss ta' l-ispejjeż relativi, ma tistax tiġi milqugħa.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.